**Rikors ippreżentat fit-2 ta' April 2013 — Jannatian vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-187/13)**

(2013/C 171/56)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrent:* Mahmoud Jannatian (Teheran, l-Iran) (rappreżentanti: E. Rosenfeld u S. Monnerville, lawyers)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

## Talbiet tar-rikorrent

— tannulla, sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrent: (i) Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/479/PESK, tat-23 ta' Ġunju 2008, li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran [1]; (ii) Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/475/KE tat-23 ta' Ġunju 2008, li timplimenta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran [2]; (iii) Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/652/PESK, tas-7 ta' Awwissu 2008, li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran [3]; (iv) Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/840/PESK, tas-17 ta' Novembru 2009, li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran [4]; (v) Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK [5]; (vi) Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/644/PESK, tal-25 ta' Ottubru 2010, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK [6]; (vii) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2009, tas-17 ta' Novembru 2009, li jimplimenta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar id-Deċiżjoni 2008/475/KE [7]; (viii) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 [8]; (ix) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 [9]; u

— tordna lill-Kunsill ibati l-ispejjeż kollha.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka seba' motivi.

(1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' kompetenza tal-Kunsill

— Ir-rikorrent isostni li skont l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, miżuri restrittivi jistgħu jiġu adottati biss b'inizjattiva komuni bejn il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli. Id-deċiżjonijiet ikkontestati u r-regolamenti ġew adottati mill-Kunsill li aġixxa waħdu. Għaldaqstant huma vvizzjati minħabba nuqqas ta' kompetenza.

(2) It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

— Ir-rikorrent isostni li l-motivazzjoni mogħtija għall-inklużjoni ta' M. Jannatian fl-Anness II hija imprećiża wisq sabiex tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mill-ġurisprudenza fir-rigward tal-obbligu ta' motivazzjoni. Sabiex jissodisfa l-obbligu li jingħataw raġunijiet, il-Kunsill imissu stabbilixxa l-punti konkreti u speċifiċi li jikkaratterizzaw l-eżistenza ta' appoġġ effettiv ipprovdut mir-rikorrent lejn il-Gvern tal-Iran jew lejn l-attivitajiet nukleari tal-Iran li huma sensittivi fejn tidħol il-proliferazzjoni. Id-deċiżjonijiet u r-regolamenti kkontestati huma għaldaqstant ivvizzjati minħabba nuqqas ta' motivazzjoni.

(3) It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti

— Ir-rikorrent isostni li: l-ewwel nett, sa fejn huma neqsin minn motivazzjoni, id-deċiżjonijiet u r-regolamenti kkontestati għaldaqstant jiksru d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent; it-tieni nett, l-illegalità tad-deċiżjonijiet u r-regolamenti kkontestati taffettwa dawn il-proċeduri ġaladarba minn naħa tipprekludi l-possibbiltà għar-rikorrent li jippreżenta difiża u, min-naħa l-oħra, il-kapaċità tal-Qorti li twettaq reviżjoni tal-legalità tad-deċiżjonijiet u r-regolamenti kkontestati hija vvizzjata. Għalhekk id-drittijiet tar-rikorrent għal rimedju ġudizzjarju effettiv huma miksura; u fl-aħħar nett, sa fejn id-drittijiet tad-difiża ġew miċħuda fil-konfront tar-rikorrent u inkwantu l-kapaċità tal-Qorti li twettaq stħarriġ tal-legalità tad-deċiżjonijiet u r-regolamenti kkontestati fir-rigward ta' miżuri ta' ffriżar ta' fondi — li min-natura tagħhom stess huma "partikolarment opprimenti" — hija ppreġudikata, ġiet imposta fuq ir-rikorrent restrizzjoni fuq id-dritt tiegħu għal proprjetà li ma kinitx ġustifikata.

(4) Ir-raba' motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' provi kontra r-rikorrent

— Ir-rikorrent isostni li l-Kunsill naqas milli jipproduċi l-provi u l-informazzjoni li uża meta adotta d-deċiżjonijiet u r-regolamenti kkontestati.

(5) Il-ħames motiv, ibbażat fuq żball ta' fatt

— Ir-rikorrent isostni li bil-kontra ta' dak li jintqal fid-deċiżjonijiet u r-regolamenti kkontestati, ir-rikorrent ma kienx għadu Deputat Kap tal-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika fid-dati rispettivi tal-inklużjoni tiegħu fost il-persuni u entitajiet li jaqgħu taħt il-portata tal-miżuri restrittivi. Għaldaqstant il-Kunsill wettaq żball ta' fatt meta inkluda lir-rikorrent għas-sempliċi raġuni li, fid-data tal-varji deċiżjonijiet u regolamenti kkontestati, huwa kien id-Deputat Kap tal-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika.

(6) Is-sitt motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi

— Ir-rikorrent isostni li l-Artikolu 20(b) ma huwiex intiż li japplika fih innifsu għal individwi li jokkupaw pożizzjonijiet maniġerjali f'entità inkluża fl-Anness VIII. Barra minn hekk, l-Artikolu 20(b) jipprovdi għal din l-inklużjoni ta' individwi "li ***jkunu*** impenjati fi, assoċjati direttament ma', jew ***jipprovdu*** appoġġ għal, attivitajiet nukleari sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni tal-Iran […]" Billi inkluda lir-rikorrent fl-Anness II mingħajr ma pproduċa prova li r-rikorrent kien qed jipprovdi appoġġ attiv u effettiv lejn l-attivitajiet nukleari tal-Iran meta ġie inkluż fl-Anness II, il-Kunsill wettaq żball ta' liġi.

(7) Is-seba' motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti u ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

— Ir-rikorrent isostni li fil-każ inkwistjoni, ebda għan ta' interess ġenerali ma jista' jiġġustifika l-impożizzjoni ta' tali miżuri restrittivi fuq individwi li anki għal perijodu qasir okkupaw pożizzjoni maniġerjali fl-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran. Barra minn hekk, anki li kieku l-miżuri kellhom jiġu kkunsidrati bħala ġġustifikati minħabba għanijiet ta' interess ġenerali, xorta waħda jibqgħu miftuħa għal kritika minħabba li jonqsu milli josservaw rabta raġonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi li ntużaw u l-għan li kellu jintlaħaq.

(1) ĠU L 163 p. 43
(2) ĠU L 163, p. 29
(3) ĠU L 213, p. 58
(4) ĠU L 303, p. 64
(5) ĠU L 195, p. 39
(6) ĠU L 281, p. 81
(7) ĠU L 303, p. 31
(8) ĠU L 281, p. 1
(9) ĠU L 88, p. 1

## Rikors ippreżentat fit-2 ta' April 2013 — Transworld Oil Computer Centrum *et* vs Eurojust

## (Kawża T-192/13)

(2013/C 171/57)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Transworld Oil Computer Centrum BV (Berg en Dal, il-Pajjiżi l-Baxxi); Transworld Payment Solutions Ltd (Bermuda); Transworld ICT Solutions Ltd (Bangalore, l-Indja); Transworld Oil USA, Inc. (Houston, l-Istati Uniti tal-Amerka); Bermuda First Curaçao Ltd (Bermuda), u Johannes Christiaan Martinus Augustinus Maria Deuss (Bermuda) (rappreżentant: T. Barkhuysen, avukat)

*Konvenut:* Eurojust

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni konfermatorja tal-Eurojust tat-2 ta' Frar 2013;

— tordna lill-Eurojust jiddeċiedi mill-ġdid, fuq il-bażi tat-talba konfermatorja tal-31 ta' Diċembru 2012, fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali;

— tikkundanna lill-Eurojust għall-ispejjeż marbuta mal-proċedura ta' rikors u għall-ispejjeż marbuta mat-talba konfermatorja.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorenti jinvokaw ħames motivi.

(1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-argument li l-Eurojust ma eżaminax ir-raġunijiet legali kollha invokati mir-rikorrenti.

It-talba għal informazzjoni tal-4 ta' Ottubru 2012 u t-talba konfermatorja għal informazzjoni tal-31 ta' Diċembru 2013 huma bbażati fuq diversi bażijiet, fosthom fuq l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u fuq l-Artikoli 8(2), 41(2) u 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2010, C 83, p. 389). Minkejja dan, fid-deċiżjoni kkontestata, l-Eurojust ibbażа ruħu biss fuq ir-regoli dwar l-aċċess għal dokumenti stabbiliti minnu stess. Il-Eurojust, b'mod żbaljat, naqas milli jevalwa r-raġunijiet l-oħra invokati mir-rikorrenti.

(2) It-tieni motiv, ibbażat fuq l-argument li l-adozzjoni tad-deċiżjoni konfermatorja hija vvizzjata b'nuqqas u li l-motivazzjoni tagħha hija wkoll ivvizzjata.

Il-Eurojust jirrifjuta li jagħti l-informazzjoni mitluba billi jirreferi għall-eċċezzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tar-regoli dwar l-aċċess għal dokumenti tiegħu stess. Madankollu, fid-deċiżjoni kkontestata l-Eurojust ma jispjegax, jew jispjega b'mod insuffiċjenti, għalfejn u sa fejn dawn l-eċċezzjonijiet japplikaw għall-każ ineżami.

(3) It-tielet motiv, ibbażat fuq l-argument li l-eċċezzjonijiet "sakemm tkun pendenti l-investigazzjoni nazzjonali" u "ġlieda kontra l-kriminalità serja", li jinsabu fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tar-regoli dwar l-aċċess għal dokumenti tal-Eurojust, ġew applikati b'mod żbaljat.

Ir-rikorrenti jsostnu li għandhom suspett raġonevoli u ġustifikat li awtorità inkwirenti aġixxiet b'mod illegali fil-kuntest ta' investigazzjoni (preliminari) kriminali. Sabiex jipprovaw aħjar dan is-suspett huma kienu, fost oħrajn, ressqu talba għal informazzjoni quddiem il-Eurojust. Dan tal-aħħar isostni li l-informazzjoni mitluba ma tistax tingħata sa fejn għadha pendenti investigazzjoni (preliminari) ġudizzjarja. Skont ir-rikorrenti, Eurojust qiegħed jinvoka dawn l-eċċezzjonijiet b'mod żbaljat u mingħajr motivazzjoni suffiċjenti.